**L-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut jipproponu:**

Peress illi fir-rapport tiegħu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, mibdi mill-eks-Kummissarju Dr George Marius Hyzler u magħluq mill-Kummissarju preżenti l-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, sab lill-ex-Ministru Clayton Bartolo ħati ta' ksur tal-artiklu 22(2) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, kif ukoll ksur tal-paragrafi 5.1 u 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari fl-ingaġġ tas-Sa. Amanda Muscat bħala konsulenta tiegħu;

U peress illi fl-istess rapport il-Ministru Clint Camilleri instab ħati ta' ksur tal-artiklu 22(2) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, kif ukoll ksur tal-paragrafu 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentar fl-ingaġġ tas-Sa. Amanda Muscat bħala konsulenta tiegħu;

U peress li l-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika adotta unanimament dan ir-rapport fl-intier tiegħu;

Għaldaqstant il-Kumitat Permanenti għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika:

1. Jirriżolvi li l-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Clint Camilleri għandhom jirrifondu lura l-fondi pubbliċi kollha li s-Sa. Amanda Muscat rċeviet meta ngħatat il-paga ta' konsulent, liema impjieg l-imsemmi rapport jikkonferma li la kienet kwalifikata għalih u lanqas għamlitu;
2. Jirriżolvi li l-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Clint Camilleri għandhom minnufih jagħmlu apoloġija permezz ta' dikjarazzjoni personali fil-Kamra tad-Deputati;
3. Jirriżolvi li jirrakkomanda li l-Kamra tad-Deputati tissospendi lill-Onor. Clayton Bartolo u lill-Onor. Clint Camilleri mis-servizz tal-Kamra tad-Deputati għal perjodu ta' tletin (30) jum;
4. Jirriżolvi li jirrakkomanda u jħeġġeġ lill-Prim Ministru jiżgura l-ogħla standards ta' mġieba mill-Ministri u mis-Segretarji Parlamentari billi minnufih jeżiġi r-riżenja tal-Onor. Clint Camilleri minn Ministru u fin-nuqqas li jagħmel dan ineħħih minn Ministru.

**L-Onor. Ryan Callus**

**L-Onor. Mark Anthony Sammut**

**27 ta' Novembru 2024**